ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 27 IT-TLIETA, 4 TA' APRIL 2017**

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu,li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, nhar it-Tlieta, 4 ta' April 2017 fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Ħdax-il Kunsillier)**

Rosianne Cutajar – Sindku
Jesmond Aquilina – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Bjorn Azzopardi – Kunsillier
Jerome Caruana Cilia – Kunsillier
Renald Falzon – Kunsillier
Josef Aquilina – Kunsillier
Martina Brancaleone – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Antoine Saliba Haig – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Robert Reno Cremona – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kenneth Brincat – Segretarju Eżekuttiv

Mattea Sghendo – Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ

**MINUTI**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ippresjediet il-laqgħa.

Is-Sindku bdiet billi qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.lc.gov.mt. Is-Sindku tat merħba lill-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ ġdida, Mattea Sghendo li min-naħa tagħha introduċiet ruħha.

**27 /01 QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**27/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Robert Cremona li ma setax jattendi l-laqgħa minħabba kellu impneji oħra. Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandux jsir nuqqas fl-*allowance*.

**27/02/01 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 26**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 26 li nżammet nhar it-Tnejn 13 ta' Marzu 2017, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 26 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**27/02 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**27/02/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li beda x-xogħol ta' asfaltar ta' Triq l-Oratorju.

**27/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li beda xoghol fuq il-proġett ta' bdil ta' bankini fi Triq Patri Spiteri Freemond u t-toroq tal-madwar approvat mill-Awtorita' tal-Ippjanar biex jintużaw fondi mill-Urban Improvement Fund.

**27/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li Jum Hal Qormi se jiġi iċċelebrat fi Triq il-Vitorja fil-25 ta' Mejju u se terġa ssir l-esebizzjoni ta' fotografija mill-istudenti li jattendu l-kors tal-fotografija kif ukoll li din is-sena se jkun hemm ukoll esibizzjoni ta' xogħol ta' monasteru mill-istudenti ta' dan il-kors ukoll. Din l-esibizzjoni se tiġi varata fil-24 ta' Mejju 2017.

**27/02/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-bord tal-aġġudikazzjoni tal-offerta tal-Parking Availability Sensors talab kjarifikazzjonijiet għal waqt l-evalwazzjoni lill-kuntratturi kollha. Sal-laqgħa li jmiss l-Bord ikun jista' jressaq ir-rapport għall-approvazzjoni.

**27/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li x-xogħol fuq il-pont tal-bypass tal-Imrieħel miexi sew fejn jonqos li fil-ġranet li ġejjin isir il-pont fuq il-kolonni li saru fil-ġnub. Dan il-pont se jkun qed jipprovdi sigurta lin-nies li jiffrenkwentaw iż-żona f'Tal-Blat 2.

**27/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet komunikazzjoni mill-Iskola Primarja San Sebastjan fejn talbu li jkun hemm traffic management ġdid. Il-Kunsill wara li ddiskuta din it-talba qabel mal-proposta li jkun hemm no-entry fil-ħinijet ta' ħruġ u dħul tal-iskola anke mal-ġenb tal-iskola biex it-tfal jibdew joħorġu mill-bieb tal-ġenb. Il-Kunsill għandu jibgħat il-proposta lill-Transport Malta għall-approvazzjoni u ssir konsultazzjoni mal-Pulizija.

**DOK 'A1'**

**27/02/07** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet korrispondenza minn TCTC sabiex isir kors dwar ir-Robotics. Il-Kunsill approva b'mod unanimu bħalma sar fil-passat.

**DOK 'A2'**

**27/03 MISTOQSIJIET MILL-KUNSILLIERA**

**27/03/01** **Nil**

**27/04 RAPPORTI**

**26/04/01 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TEKNIKU DWAR ID-DOKUMENT TA' KONSULTAZZJONI MĦEJJI MILL-AWTORITA' TAL-IPPJANAR : ZONING TAL-BAJJADA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsilliera li wara li l-Gvern kien talab lill-Awtorita' tal-Ippjanar biex tħejji dan id-dokument u tiftaħ konsultazzjoni pubblika, il-Kunsill organizza laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti u sidien ta' negozji ta' dik iż-żona. Għal din il-laqħa attendew madwar 70 ruħ fejn kien hemm diverġenzi fl-opinjonijiet.

Is-Sindku Rosianne Cutajar kompliet li l-Awwtorita tal-Ippjanar estendiet id-data tal-għeluq u għaldaqsatant, il-

Perit tal-Kunsill se jkun qed iħejji r-rapport tekniku li għandu jitressaq fil-laqgħa li jmiss.

Intant, is-Sindku Rosianne Cutajar sostniet li għandha tiġi organizzata laqgħa simili mas-Supritendent peress li ħafna mill-ilmenti li tressqu fil-laqgħa pubblika kienu ta' natura ta' infurzar.

**DOK 'B1'**

**27/05 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

**27/05/01 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-BORD TAL-AGGUDKAZZJONI DWAR L-KWOTAZZJONI: Minor Repairs and Maintenance Works**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv iressaq r-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni tas-sejħa ta' kwotazzjonijiet dwar xogħol minuri u ta' manutenzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport li kien qed jirrakkomanda biex l-kuntratt jingħata lill-orħos kwotazzjoni li kienet *administrative and technical compliant*, dik mitfugħa minn Dimbros Ltd Ltd.

**DOK 'C1'**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex il-Kunsill japprova r-rapport u jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u jagħti l-offerta lil Dimbros Ltd.

**Il-Kunsillier Renald Falzon** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni.

**27/05/02 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-BORD TAL-AGGUDKAZZJONI DWAR l-OFFERTA GĦAL RESTAWR TAL-ISTATWA TA' SANTA MARIJA F'TAL-BLAT**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv iressaq r-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni tas-sejħa tal-offerti dwar xogħol ta’ Restawr tal-Istatwa ta’ Santa Marija f’Tal-Blat.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport li kien qed jirrakkomanda biex l-offerta tingħata lill-orħos offerta li kienet *administrative and technical compliant*, dik mitfugħa minn Jason Bugeja Restoration bil-prezz ta’ Eur8032.50 (vat eskluż).

**DOK ‘C2’**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex il-Kunsill japprova r-rapport u jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u jagħti l-offerta lil Jason Bugeja Restoration.

**Il-Kunsillier Josef Aquilina** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni.

**27/06 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA’ MARZU 2017**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta’ pagamenti għax-xahar ta’ Marzu 2017, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**DOK ‘D1-3’**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Marzu 2017
**b)** *Bank Payments* Marzu 2017
**c)** *Petty Cash* Marzu 2017

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issekonda.

**Ivvutaw Favur Għaxar** il-Kunsillier (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

F'dan l-istadju tal-laqgħa, **il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** talab li jkun skużat. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

**27/07 MOZZJONIJIET**

**27/07/01 MOZZJONI 47/2017 (VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Fuq proposta mill-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri,*

*Nipproponi li t-triq indikata fis-site plan annessa tiġi msemmija hekk:*

*Pjazzetta Manwel Farrugia*

*Peress li din il-pjazzetta iġorr l-isem ta' Triq il-Kbira meta skond il-linji gwida mill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq, dawk it-toroq li jinsabu f'toroq oħrajn għandhom jingħataw isem ġdid;*

*Peress li din il-pjazzetta tinsab proprju quddiem is-sede tal-Każin li l-personaġġ ta' Manwel Farrugia irrapreżenta;*

*Peress li l-persunaġġ ta' Manwel Farrugia, għandu jibqa' mfakkar skont kif tixhed il-bijografija tiegħu annessa ma' din l-mozzjoni.*

*Peress li f'din il-pjazzetta preżentament m'hemmx residenti reġistrati u għaldaqstant m'hemmx inkonvenjent kkawżat minn bdil fl-isem tat-triq.*

*Għaldaqstant nipproponi sabiex il-Kunsill jirrakkomanda lill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq biex din il-pjazzetta tkun imsemmija Pjazzetta Manwel Farrugia, bħala l-isem uffiċjali.*

**Il-Kunsillier Josef Aquilina** issekonda l-mozzjoni kif emendata.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni nru 47/2017

fejn għaldaqstant il-Kunsill għandu jibgħat dawn ir-rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq għall-approvazzjoni.

**27/07/02** **MOZZJONI 48/2017 (VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Nipproponi sabiex il-programm ta' Jum Hal Qormi 2019 jittella' mill-Għaqda Muzikali San Ġorġ Martri;*

*Peress li L-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri bejn l-2018 u l-2019 ser kun qed tfakkar il-125 anniversarju mit-twaqqif tagħha.*

*Peress li is-sena 2019 hija wkoll l-ewwel ċentinarju mill-avvenimenti tas-Sette Giugno u l-konvokazzjoni tal-Assemblea Nazzjonali.*

*Peress li fil-festeġjamenti ta' Jum Ħal Qormi l-Kunsill ricentament addotta l-prassi li jafda din l-attivita' f'idejn waħda mill-għaqdiet qriema*

*Peress li l-Ghaqda Muzikali San Gorg Martri jixtiequ li għas-sena 2019, l-kunċert ta' Jum Ħal Qormi jkun afdat lill Banda San Ġorġ Martri.*

*Peress li din hija okkażjoni fejn il-Qriema kollha għandhom ikunu kburin u jiċċelebraw dan l-avveniment u biex jkun evitat li f'temp ta' ftit jiem jittellgħu żewġ programmi mużikali.*

*Nipproponi biex il-Kunsill Lokali jassenja r-responsabbilta' tal-attivita' ta' Jum Hal Qormi 2019 lill-Ghaqda Muzikali San Gorg Martri bl-istess kundizzjonijiet li ġew stabbiliti f'dawn l-aħħar snin fl-organizazzjoni ta' Jum Hal Qormi mal-istess għaqda u għaqdiet oħrajn.*

**Il-Kunsillier Josef Aquilina** issekonda l-mozzjoni kif emendata.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni nru 48/2017.

**27/07/03 MOZZJONI 49/2017 (VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet din il-mozzjoni għad-diskussjoni:
Nipproponi sabiex il-Kunsill Lokali jippremja lill-persuni msemmija fil-lista' t'hawn taħt għall-premju Għarfien il-Ħila 2017

## Għarfien il-Ħila 2017

**Gieħ Ħal Qormi**

Silvio Meli

**Żgħażagħ**

Sabrina Spiteri
Errol Farrugia
Massimo Azzopardi
GHKNK Qriema:
Chris Azzopardi
Clint Mifsud
David Falzon
George Mifsud
Jason Magri
Jeffrey Mifsud
Mark Brincat
Michael Grech
Nadia Cassar
Paul Formosa
Saviour Borg
Sebastian Vella
Sergio Sammut
Warren Attard
George Spiteri

**Sports**

Mark Tabone
Alfred Briffa
Lydon Moore

**Arti, Muzika u Letteratura**

Hilary Spiteri
Mro Archibald Mizzi
Silvio Pace

**Servizz lill-Kunsill**

George Galea

**Għaqdiet Lokali**

Ghaqda Nisa Parrocca San Gorg
Ghaqda Armar tal-Knisja San Gorg

**Servizz lill-Komunita'**

Anita Aquilina - In Abstenia
Anthony Borg
Anthony Zammit
Dun Anton Cassar
Jesmond Chircop
Joseph Farrugia - In Abstenia
Joseph Spiteri
Lucia Casha
Michael Cilia
Natasha Meli Daudey
Simone Fenech
Tonio Agius

**Sehem fl-Għaqdiet lokali**

Charles Borg - Tari - In Abstenia
George Zammit
Gorg Portelli
Jason Falzon
Joe Mamo
Joseph Cardona
Karl Camilleri
Mario Scerri
Romano Tabone
Vince Grech

**Intrapriża**

Anthony Vella - Qubbajt
Emanuel's Bakery - Matthew Mangion
Outlook Coop
Twilight - Alan Desira

**Unur Specjali**

Anton Cuschieri
Qormi Hockey Club

**Il-Kunsilliera kollha preżenti** issekondaw l-mozzjoni kif emendata.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni nru 49/2017.

## 27/8 AĠĠORNAMENT

**Is-Sindku Rosianne Cutajar aġġornat il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 25 ta' April 2017 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fis-8:00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| ***Iffirmati*** | ***Iffirmati*** |
| Rosianne Cutajar<br>Sindku | Kenneth Brincat<br>Segretarju Eżekuttiv |

Minuti kkonfermati llum **it-Tlieta, 25 ta' April** 2017.